MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 2128/1999/1

**Stephanie Vella**

**vs**

**James Strathmore Thomson; u b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2001 gew nominati bhala kuraturi deputati Dr. Peter Fenech u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja biex jirrapprezentaw lill-istess assenti.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u sitta u disghin (1996) gie ccelebrat iz-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut fir-Registru taz-Zwieg Civili f'Malta, liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku bin-numru

ta' skrizzjoni elf, sitt mija u tlieta u tletin ta' dik is-sena (1633/96) (Dok "A") kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-attrici nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-istess;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-ligi, b'mod partikolari a tenur tas-**sub-incizi (c) (d) u (f) tas-sub-artikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fir-Registru taz-Zwigijiet ta' Malta, fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru tas-sena 1996 (Dok "A") huwa null u bla effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-**sub-incizi (c) (d) u (f) tas-sub-artikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici tal-20 ta' Marzu 2000 fejn talbet l-awtorizzazzjoni biex in-notifika lill-konvenut issir permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn laqghet it-talba b'dan li jigi segwit dak indikat fl-artikolu 187 tal-Kapitolu 12.

Rat ir-rikors tal-attrici tad-9 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbal tad-19 ta' Mejju 2000 fejn il-Qorti osservat li gja' kienet iddegretat rikors iehor simili fil-31 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota tal-attrici tal-21 ta' Gunju 2000 li biha pprezentat zewg dokumenti.

Rat il-verbali tat-23 ta' Gunju 2000; tal-11 ta' Ottubru 2000; tal-4 ta' Dicembru 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Chris Cilia bhala Perit Legali biex jigbor il-provi u jirrelata; u tal-20 ta' April 2001.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 6 ta' Gunju 2001 fejn talbet li jigu nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti James Strathmore Thomson fl-atti tal-kawza premessa u fl-atti kollha sussegwenti w ancillari.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-10 ta' Ottubru 2001 fejn laqghet it-talba u nnominat lill-Avukat Dr. Peter Fenech u lill-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota tal-attrici tal-24 ta' Settembru 2001 fejn permezz taghha esebiet l-affidavit ta' Victoria Vella.

Rat il-verbali tas-27 ta' Settembru 2001; tat-30 ta' Jannar 2002; tas-26 ta' Frar 2002; tat-23 ta' Mejju 2002; tat-12 ta' Novembru 2002 fejn il-Perit Legali Dr. Chris Cilia kkonferma r-rapport tieghu bil-gurament. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2003

Rat ir-rapport tal-perit legali u s-seduti minnu mizmuma.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Stephanie Vella** xehdet illi:-

*"Iltqajt mal-konvenut f'Ottubru 1995, ftit anqas minn sena qabel ma zzewwigna. Dak iz-zmien kont ghadni kemm bdejt kors ta' tliet (3) snin l-Universita' ta' B. Communications u hassejt il-bzonn illi naghmel 'part-time job'. Kelli habib tieghi li kellu zijuh jahdem "Mariana's Tex-Mex" f'Tas-Sliema u kien introducieni mas-sid u sar appuntament ghal 'interview'. Irrizulta illi l-persuna li kellha taghmilli dan l-'interview' kien proprju l-konvenut.*

*Jiena kont tajtu 'curriculum vitae' tieghi w hu mill-ewwel accettani. Sirna nafu 'l xulxin fuq ix-xoghol. Pero' hu qatt ma hallat ix-xoghol mal-interess li kellu fija ghalkemm effettivament wera nteress fija u gieli bdejna nohorgu wara x-xoghol ghal xi 'drink', u gieli anke mort niekol ghandu, u maz-zmien bdejna ninnamraw.*

*Il-konvenut kien ghadu fuq l-ewwel 'work permit' tieghu bhala 'consultant' mat-"Tex Mex". Meta gie biex jiskadi dan l-ewwel 'work permit', li kien ta' sitt (6) xhur biss ahna diga' konna qed nohorgu flimkien u bl-ghajnuna tal-'employers' tieghu rnexxielu bi tbaghtija jerga' jgeddu ghal tliet (3) xhur ohra.*

*Il-konvenut kien qalli li qed jahdem ghal wisq sieghat, kien imdejjaq u 'stressed out', dejjem skond kif qal hu. Kien gie offrut xoghol minn "Time Square", bieb ma' bieb, u telaq mill-ewwel minn mat-"Tex Mex" u mar jahdem "Time Square" fejn pero' dam anqas minn xahar. Il-konvenut ilmenta illi spicca 'stressed out' izjed milli kien.*

*Il-konvenut kien diga' qed jghidli dak iz-zmien illi jiena kont il-mara ta' hajtu u anke quddiem il-genituri tieghi kien talabni biex nizzewgu. Jien ma kellix hsieb li nizzewweg daqshekk malajr pero' mill-banda l-ohra lill-konvenut ma ridtx nitilfu ghax kont inhobbu hafna.*

*Meta rega' skada l-'work permit' il-konvenut ma rnexxielux jerga' jgeddu. Id-domanda li kien ghamel kienet giet rifjutata b'mod definittiv. Il-konvenut f'dak il-mument iddikjara illi ried iqatta' hajtu mieghi biss bil-kundizzjoni li jekk nizzewgu dan ma jtellifx l-istudji u l-karriera tieghi u qalli jekk nixtieqx nibqa' nghix Malta jew immorru l-Ingilterra. Hu dejjem pinga l-hajja fl-Ingilterra b'kuluri pjuttost grizi u tani l-impressjoni li ahjar nibqghu hawnhekk u dan ghal diversi ragunijiet.*

*Fil-fatt fil-21 ta' Settembru 1996 ahna zzewwigna. Il-konvenut kien ghadu hawn Malta bis-sahha tal-viza. Izzewwigna bic-civil u mhux fil-Knisja. Jien dejjem xtaqt illi nizzewgu fil-Knisja pero' ma kienx hemm zmien ghal dan u b'hekk izzewwigna malajr bic-civil biex inkunu nistghu nibqghu flimkien. Pero' jien dejjem kelli x-xewqa illi 'l quddiem nizzewgu bir-rit Kattoliku u naghmlu tieg sabih.*

*Sal-mument taz-zwieg jien kont ghadni qatt ma ltqajt mal-genituri u l-familja tal-konvenut pero' kont tkellimt fit-tul m'ommu fuq it-telephone. Missieru u ommu kienu separati u l-konvenut ma kellux relazzjoni tajba ma' missieru. Meta zzewwigna l-konvenut kellu erbgha u ghoxrin (24) sena u jien kelli dsatax-il (19) sena. Il-konvenut tifel wahdu u missieru kien telaq mid-dar meta hu kien ghad kellu tmien (8) snin. Ma' missieru kont tkellimt darba biss fuq it-telephone u naf li l-konvenut u missieru kellhom tilwima peress illi missieru ma kienx konvint mill-pass li kien qed jaghmel ibnu. M'ommu pero' dejjem kelli relazzjoni tajba.*

*Il-konvenut kien qalli li kellu kumpanija ma' missieru ghall-importazzjoni u distribuzzjoni tal-inbid pero' minn dan is-sors qatt ma mmaterjalizza xejn. Qalli wkoll li kellu 'cottage' antik fl-Ingilterra pero' kull meta ghidtlu biex immorru 'holiday' u noqoghdu f'dal-'cottage' huwa dejjem gabli l-iskuzi u jiena dal-'cottage' qatt ma rajtu b'ghajnejja. Kien jghid ukoll illi ghandu karozza Renault 5 GT Turbo li tiswa hafna flus pero' din ukoll qatt ma mmaterjalizzat. Kellna problemi finanzjarji u tlabtu biex ibieghha imma huwa kien igibli l-iskuzi. Qalli wkoll li kellu xi 'shares' flimkien ma' missieru.*

*Meta zzewwigna l-konvenut ma setax isib xoghol 'at managerial level' kif xtaq. Fis-Sajf qabel izzewwigna jien kont naghmel erba' 'jobs' fl-istess hin biex invincu u anke c-crieket taz-zwieg jien kont xtrajthom. Ghamilt ukoll 'engagement party' biex nuri lill-familjari tieghi li din kienet xi haga serja. Hu m'ghinni xejn finanzjarjament – dejjem iwieghed li se jillikwida xi 'shares' u jgib il-flus minn barra pero' dan qatt ma sar.*

*Ahna qeghdin tliet ibniet u l-genituri tieghi accettawh bhala t-tifel li qatt ma kellhom ghax kellu manjiera kif imur man-nies. Fil-hajja mizzewga l-genituri tieghi wkoll ghenuna xi ftit finanzjarjament pero' dejjem maghna bhala koppja fis-sens illi dak li jaghtuna ridna nrodduh lura.*

*Meta zzewwigna morna nghixu fi 'flat furnished' mikri fejn diga' kien qed joqghod il-konvenut. Bqajt nahdem u nattendi l-Universita'. Il-konvenut kellu mpjieg fiss il-'Fortina Hotel' bhala 'barman' pero' ma kienx kuntent. Kien jghid li qed ifittex impjieg iehor pero' ndunajt li ma kienx qed jaghmel dan bis-serjeta'. Kien qed isir hafna loghob bil-kliem min-naha tieghu.*

*Maz-zmien il-konvenut beda jirrealizza izjed il-konsegwenzi tal-pass taz-zwieg illi kien ha. Bdejt nirrealizza illi l-konvenut ma kellu ebda idea ta' xi tfisser il-hajja mizzewga u assolutament ma kienx ippreparat ghas-sagrificcji illi din tinvolvi.*

*Ahna sseparajna f'Mejju 1998 u fil-frattemp jien kont mort naghmel 'exchange' ghal 'semester' l-Amerka. Dan l-'exchange' kien dam hames xhur u nofs.*

*Jien irrealizzajt illi l-konvenut ma kellu ebda hajra ta' xejn, timbuttah biex jaghmel xi haga halli ntejbu l-pozizzjoni taghna u ma jaghmel xejn, anzi jghid li jkun ghamilha pero' fir-realta' ma jkunx.*

*Qabel tlajt l-Amerika konna hadna self mill-Bank of Valletta plc biex naghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' ghixien fl-Amerika u l-arrangament kien illi kull xahar il-konvenut kellu jiddepozita l-flus fil-'credit card account' tieghi pero' l-konvenut kwazi qatt m'ghamel dan u zamm il-flus ghalih. B'hekk ghal darb'ohra kellhom jghinuni l-genituri tieghi. Hafna drabi kont incempillu pero' qatt ma nsibu jew insibu 'engaged' u kien jghidli wkoll illi kien jaqla' t-telephone biex ma jcemplulux meta jkun rieqed minn fuq ix-xoghol.*

*Meta gejt lura sibt il-'flat' fi stat dizastruz u l-istat finanzjarju hazin hafna. Il-konvenut kien qalli li kien hadem hafna u gie li anke qala' elf lira Maltija (Lm1,000) fix-xahar u dan irrizultali illi kien minnu. Tlabtu l-'bank statements' ta' kull xahar pero' hu kien qalli li kien tilifhom. Il-hlas tal-kera tal-'flat' (li kienet Lm150 fix-xahar) kienet b'hames (5) xhur b'lura u l-kont tal-'cable' kien b'lura wkoll tant li qatghu s-servizz. Qalli wkoll li suppost kien hemm Lm250 fil-kont kurrenti. Ikkalkolajt li tal-anqas suppost kien gemma' xi elfejn lira izda meta mort il-bank fejn qalli li kellna l-flus sibt illi l-kont kien 'overdrawn' u ma stajtx nigbed lanqas Lm50.*

*Il-mamma tac-'cheque' qatt ma kien jimliha. Mill-'istatements' illi gibt eventwalment kont insib illi ta' spiss, f'distanza ta' granet', kien ikun hemm 'withdrawals' sostanzjali ta' mija u mitejn lira Maltija. Barra minn hekk kienu ttiehdu l-flus tal-'loan'. Imbaghad bdejt nircievi wkoll telefonati minghand hbieb tieghi jghiduli illi jridu jkellmu lill-konvenut. Jiena bdejt nissuspetta u rrizulta illi huwa kien ghamel hafna dejn u anke kien biegh xi 'tickets' ghal 'Joy Party 3' pero' l-flus li gabar zammhom ghalih. Kien ha 'loan' ohra meta tela' jarani l-Amerika.*

*Il-konvenut kien qed jahdem il-'Westin Dragonara' bhala 'manager' tal-"Palio's" u kellu l-'cash' f'idejh. Kien hemm tliet (3) incidenti li fihom il-flus sparixxew. Kienet saret inkjesta nterna u qalulu li jew jirrizenja jew ikeccuh. Dan l-ultimatum inghatalu bil-kitba. Dan kien qabel is-separazzjoni. Il-konvenut beda jghid illi kien vittma ta' 'frame-up'.*

*Ghall-ewwel zmien taz-zwieg ir-relazzjoni kienet tajba u kien jaghtini hafna attenzjoni u karezzi. Imbaghad meta beda jahdem bhala 'barman' ta' spiss kien ikun f'dipressjoni u jien nghid illi 'he started to drift away'. Qabel tlajt l-Amerika ried illi nibdlu l-post fejn konna nghixu u b'hekk konna sibna 'flat' akbar u izjed komdu pero' izjed gholi f'dak li hu kera. Ir-relazzjonijiet intimi ta' bejnietna bdew jonqsu drastikament u meta kont niehu l-inizzjattiva jien kien jghidli li kien ghajjien. Qalli li kien f'dipressjoni.*

*Jien kont nahdem "Bay Radio", ic-"Chains", nghallem l-Ingliz "Sprach Caffe" u "In Lingua" u fl-istess waqt kelli l-Universita'. Ix-xoghol huwa beda jdum izjed mis-soltu u nahseb illi kien johrog wara x-xoghol ukoll.*

*Dwar tfal, jien dejjem insistejt illi ma jkollniex tfal qabel inkunu finanzjarjament stabbli, bid-dar taghna u jiena gradwata u qed nahdem.*

*Meta sseparajt sibt illi kien hemm hafna dejn u anke wara bqajt niskopri dejn li ma kontx naf bih. Hallieni bid-dejn mal-genituri tieghi, tal-bank u tal-'credit cards' u meta kont niffaccjah huwa kien jibqa' jhares lejja u ma jghid xejn u gie li anke qabad jibki. Wara li sseparajna kien instab hati wkoll ta' reati kriminali u qed nesebixxi kopja tas-sentenza bhala Dok. "SV1". Id-dejn spiccajt hallastu kollu jien u bil-konvenut ergajt smajt biss mill-gazzetta meta nstab hati mill-Qorti.*

*Dwar kwalifiki u certifikati dejjem kien jghid illi kien qal lil ommu biex issibhomlu pero' meta jiena kont sejra l-Amerika kont waqaft ghand ommu u skoprejt hafna*

*affarijiet dwaru li ma kontx naf bihom qabel. Qaltli li mhux veru li kien mar l-Amerika u li kien jahdem hemm, mhux veru li kellu certi kwalifiki, ma kienx veru dwar il-karozza u l-proprjeta' u mbaghad f'certu mument indunat illi kienet qed tghidli hafna affarijiet li ma kontx naf bihom hija waqfet. Qalet ukoll li kull certifikat li kellu kien diga' hadu u anke rrealizzajt illi dawk il-kwalifiki li kien jghid li ghandu ma kellux. Skoprejt illi "it was all a whole bluff from beginning to end".*

Illi l-istess attrici Stephanie Vella in kontro-ezami xehdet kif gej -:

*"Meta ltqajt mal-konvenut kelli dsatax-il (19) sena u kont ghadni kemm bdejt l-Universita'. Id-decizjoni li nizzewgu hadniha madwar xahar u nofs qabel izzewwigna. Id-diskors dwar iz-zwieg ghall-bidu ma kienx beda bis-serjeta' izda bhala nkejja u botti u kliem sottili min-naha tieghu. Minn dejjem kont persuna ndipendenti. Il-konvenut izzewweg ta' erbgha u ghoxrin (24) sena. Fix-xahar u nofs li ghaddew bejn id-decizjoni li nizzewgu u z-zwieg innifsu konna ddiskutejna dwar il-fatt tal-eta' zghira tieghi, l-istudji tieghi u l-karriera tieghi.*

*F'dawn id-diskussjonijiet il-konvenut kien qed jirraguna b'mod li jakkomoda l-htigijiet u l-prospetti tieghi li naturalment kienu jkunu a vantagg tat-tnejn. Dwar tfal tkellimna ghalkemm ma kien hemm diskors definittiv.*

*Lil omm il-konvenut qatt ma ltqajt maghha qabel iz-zwieg ghalkemm tkellimna diversi drabi bit-telephone. Ma' missier il-konvenut ma ltqajt qatt, la qabel u lanqas wara z-zwieg. Il-genituri tal-konvenut ma gewx ghat-tieg.*

*Il-konvenut kien irrikonoxxa wara z-zwieg meta konna niddiskutu l-problemi li kien ikollna illi kien inbidel kompletament. Dwar il-weghdi u l-affarijiet li kien jitkellem dwarhom qabel iz-zwieg dawn irrizultaw li kienu biss weghdi fiergha. Mhux hekk biss talli izjed m'ghadda z-zmien izjed beda jitghazzen u jintelaq u spicca ghal kollox dik l-idea ta' atteggjament pro-attiv li kien jipprogetta qabel iz-zwieg.*

*Anke f'dak li jirrigwarda x-xoghol il-konvenut ma kien juri ebda hegga. Kien jghidli biss li kien jibghat xi CV's bil-posta u japplika pero' ftit li xejn kien juri hegga anzi dejjem kien isib l-iskuzi.*

*Ghalkemm quddiemi ma kienx jixrob b'mod esagerat pero' kien ihobb johrog jixrob wara x-xoghol tard bil-lejl.*

*Il-konvenut meta kien jahdem u jidhol lura d-dar tard, l-ghada kien jibqa' rieqed sa tard hafna. Ma kien jaghmel assolutament xejn fid-dar u dawk ir-responsabbiltajiet illi qabel iz-zwieg kien weghedni li se jassumi ma assuma xejn minnhom, u dan kien sors ta' litigju u problemi bejnietna.*

*Jiena ma kellix wicc haddiehor u sa fejn naf jien lanqas il-konvenut.*

*M'ghandi ebda idea fejn jinsab il-konvenut u l-ahhar li rajtu kien f'Mejju 1998 meta sseparajna fil-Qorti."*

Illi xehed ukoll **Emanuel Lawrence Vella**, missier l-attrici Stephanie Vella fejn sostna illi -:

*"Jien nigi missier l-attrici. L-ewwel darba li ltqajt mal-konvenut kien fil-bidu tas-sena 1996, u cjoe' New Year's Day, u disa' xhur wara binti u l-konvenut izzewgu.*

*Fil-bidu ma kien hemm xejn x'juri illi kien hemm relazzjoni serja izda li semplicement kienu 'good friends', kienet 'a casual relationship' bhala kollegi tax-xoghol. Il-konvenut kien jghix wahdu u ma kellux familja f'Malta u ahna konna ospitabbli mieghu. Imbaghad ghalkemm bdew johorgu flimkien regolarment xorta wahda ma tatniex x'nifhmu illi din kienet relazzjoni serja u duratorja.*

*L-ewwel illi bdejna niehdu hjiel f'dan is-sens kien f'April 1996 fit-tieg ta' binti l-ohra Valerie u dan minn diversi atteggjamenti illi rajna bejniethom. Fil-fatt binti riedet illi fir-ritratti tat-tieg il-konvenut jidhol ukoll u jien ridt u hekk sar illi niehdu ritratt bil-konvenut u iehor minghajru.*

*Dak iz-zmien binti kellha l-pjan illi tkompli bl-istudji universitarji taghha u zgur illi ma kien hemm ebda idea li ftit xhur wara kienet se tizzewweg. Tant hu hekk illi l-hsieb taghha kien illi l-ewwel iggib il-bacellerat u mbaghad immedjatament wara ggib il-'masters' qabel tissetilja fix-xoghol, u ghalhekk b'kollox f'April 1986 hija kienet ghad ghandha quddiemha perjodu twil ta' studju. Riedet ukoll illi wara l-'masters' tahdem sakemm tfaddal bizzejjed biex jekk tizzewweg ikollha tieg sabih fil-Knisja.*

*Sirt naf bid-data tal-21 ta' Settembru 1996 bhala d-data tat-tieg ftit gimghat qabel. Binti f'Awissu 1996 qaltli li kellu bzonn jigi jkelimni l-konvenut u dan fil-fatt gie jkellimni (nghid li sa dak iz-zmien kien ghadu gie d-dar fi ftit okkazjonijiet biss) u qalli li xtaq jizzewweg lil binti. Ir-reazzjoni tieghi u ta' marti kienet pjuttost ta' nkredulita' u ghidnielhom – "intom tafu x'qeghdin taghmlu?"*

*Jien tkellimt maghhom u ghidtilhom illi z-zwieg kien rabta serja illi wiehed irid jikkunsidraha sew u bil-ghaqal. Pero' sa dakinhar hadd ma kien ghadu semma data taz-zwieg u fil-fatt lanqas huma sa dakinhar ma kienu ghad ghandhom il-hsieb li jizzewgu fil-21 ta' Settembru 1996. Jien u marti gejna f'dilemma ghax minn banda ma xtaqniex illi l-affarijiet isiru bil-mod kif saru, pero' min-naha l-ohra konna nafu illi kieku nopponu bil-qawwa kollha bhala persuna adulta l-attrici setghet taqbad u titlaq mid-dar, tmur tghix mal-konvenut l-Ingilterra u ahna nitilfu l-kuntatt maghha u ma nkunux nistghu nkunu nafu x'qed jigri realment u naghtu l-ghajnuna li jista' jkun hemm bzonn.*

*Huma wrewna li kellhom ghazla quddiemhom – jew jizzewgu u jibqghu jghixu Malta jew imorru jghixu l-Ingilterra. Fil-fatt kien hemm il-kwistjoni tar-residenza tal-konvenut f'Malta. Dan ghaliex huwa kellu permess tax-xoghol illi pero' kien skada u ma giex imgedded u allura ken qieghed f'Malta a bazi ta' viza temporanja. Il-konvenut dejjem kien jghid illi xtaq jibqa' jghix hawn Malta u ghalhekk jiena ghaddieli minn rasi illi kien ried jizzewweg lil binti biex ikun jista' jibqa' jghix Malta.*

*Ahna ghidnielhom ukoll illi anke jekk stess jizzewgu bir-registru l-attrici kellha tibqa' tghix maghna d-dar u ghalkemm ghall-bidu hija accettat imbaghad bdiet tinkwieta ghalih u riedet tmur tghix mieghu kif fil-fatt ghamlet.*

*Meta waslu ghat-tieg il-konvenut ma kellu ebda mezzi finanzjarji u fil-fatt wara sirna nafu illi anke c-crieket tat-tieg kienet xtrathom Stephanie.*

*Il-konvenut kien it-tip illi meta tisimghu jitkellem kien jaf jaghti mmagni fantastika tieghu nnifsu, illi ghandu certi esperjenzi, certi 'assets' u prospetti tajbin ghall-futur pero' minn dan ma rrizulta xejn. Per ezempju dejjem kien jghid illi kien akkademikament kwalifikat pero' kull darba li kien jinhtieglu jipprezenta certifikati meta japplika ghal xi mpjieg dejjem kien isib xi skuzi biex dan ma jaghmlux.*

*Kien jghodd ruhu bhala espert tal-inbid. Jien ippruvajt inqabbdu ma' certi nies fil-'catering' jew fl-inbejjed. Kellimt per ezempju lil Bill Hermitage ta' "Delicata Winery" li anke kien ghamillu 'interview' u wara kien qalli illi "I saw through him at once" – fis-sens illi ma kellu ebda sustanza u stoffa izda pozi biss. Kont kellimtlu wkoll lil Anthony Tabone tal-"Marsovin" illi wkoll ghamillu 'interview' li minnha ma rrizulta xejn.*

*Irrid nghid illi eventwalment il-konvenut kien sab impjieg il-"Westin Dragonara" bhala 'Manager' tal-"Palio's Restaurant".*

*Binti kellha pjan illi wara xi zmien meta jkun finanzjarjament ahjar kellu jsir zwieg fil-knisja u tieg proprju. Dan ghal binti kien importanti hafna, fuq kollox mill-lat religjuz, ghaliex bhala Kattolika kien importanti ghaliha illi r-rabta taz-zwieg tigi konsolidata b'rit religjuz fil-knisja.*

*Lil missier il-konvenut qatt ma sirna nafuh. Il-konvenut dejjem kien jghid li missieru kien telaq lil ommu meta hu kellu xi tmien snin; pero' fl-istess waqt kien jghid illi kellu xi 'assets' tieghu li qed jiehu hsiebhom missieru u li anke*

*kellu karozza illi kien qed jiehu hsiebha missieru sakemm hu jdum barra mill-pajjiz. Pero' ma' missieru qatt ma ltqajna.*

*Fl-1997 jien u l-mara konna tlajna 'holiday' l-Ingilterra u ghamilna mezz li mmorru nzuru lil omm il-konvenut. Kumbinazzjoni kien il-'birthday' tal-konvenut, 13 ta' Settembru. Ommu kienet laqghatna hafna. Niftakar illi ezattament kif dhalna kien cempel it-'telephone' u kien il-konvenut. Ommu qaltlu "hawn xi hadd li taf hafna jrid ikellmek" u ghaddietlu t-'telephone' u kif kellimtu huwa nstaram u qalli "My God, you're there".*

*Kif bdejt nitkellem m'ommu dwar il-konvenut bdejt nirrealizza ghalfejn kien mahsud. Fil-fatt meta bdejna nitkellmu m'ommu u nirrakkontaw x'konna nafu fuq James, u cjoe' x'kien qalilna hu fuqu nnifsu, kien hemm diversi stanzi li fihom hija dehret sorpriza, tant illi qaltilna kliem fis-sens illi "I have to have a good talk with James". L-izjed li niftakar kienu l-bicca xoghol tal-'assets' u l-karozza illi qal li kellu ghand missieru. Bla ma merietna direttament ommu qalet illi meta l-konvenut kien se jidhol ghall-istudju aktar avvanzat, kellha taghmel sagrificcji hi wahedha ghax missieru ma ried jikkontribwixxi xejn.*

*Punt iehor illi fih hi dehret sorpriza hafna kien x'hin ghidnielha illi l-konvenut kien qalilna illi kien ghamel zmien jivjagga fil-kontinent Amerikan. L-istess ghal dak li jirrigwarda l-edukazzjoni tieghu u l-livell akkademiku.*

*Qabel inqala' l-inkwiet, m'omm il-konvenut bqajna f'kuntatt u f'relazzjonijiet tajba. Hi kienet persuna marradija u ma kenitx tivjagga pero' qaltilna li wara li saret taf lilna u lill-attrici kwazi kienet determinata li tigi Malta.*

*Niftakar illi fl-ewwel 'birthday' ta' binti wara z-zieg fit-8 t'Ottubru 1996, ftit gimghat wara z-zwieg, il-konvenut kien ghamel 'surprise dinner' fir-'restaurant' "Santa Rosa" fil-Mistra. Konna l-attrici u l-konvenut, jien u l-mara u wliedna l-ohra u r-ragel tal-kbira. Lil binti smajtha tghid lill-konvenut minn taht il-mejda – "can we afford this?" U hu qalilha "yes, I'll talk to you later". Wara sirna nafu li kien*

*qed jistenna xi mghaxijiet jew 'dividends' mill-'assets' tieghu li kellu f'idejn missieru li pero' qatt ma mmaterjalizzaw. Dak iz-zmien ahna konna qed nisilfuhom il-flus. Wara kien gab xi skuza ghaliex dawn l-'assets' kienu inaccessibbli.*

*Nghid illi binti kellha opportunita' ta' 'student exchange' mal-'Oklahoma State University' u meta jien u l-mara staqsejna dwar kemm din kienet bicca xoghol konsiljabbli peress illi kienu ghadhom fil-bidu taz-zwieg taghhom, il-konvenut kien qalli dawn il-precizi kelmiet – "I promised her that I would never hold her back from anything she would have done if she hadn't been married to me".*

*Fil-fatt biex binti marret kienet issellfet elf lira (Lm1,000) mill-Bank of Valletta plc u ghamilna garanzija jien u l-mara ghal das-self. Suppost li l-konvenut kellu jibda jhallas dal-'loan' bir-rata ta' Lm30 fix-xahar, izda fil-fatt hallas biss l-ewwel xahar u daqshekk, u meta giet lura sabet id-dejn kollu. Binti kienet kitbitilna li kienet f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja u kellna nibghatulha l-flus barra ahna f'izjed minn okkazjoni wahda. Il-konvenut kien tela' jzurha u hi kellha xi flus imgemmghin hemm u meta tela' hu dawn kienu sparixxew. Dan kienet qalituli binti.*

*Binti kienet qaltli wkoll f'diversi okkazjonijiet illi l-konvenut ma kien qed jibaghtilha ebda flus. Darba minnhom anke kelli nissellef il-flus mill-Bank of Valletta biex inkun nista' nghinha. Binti kienet tghidli li alla hares ma konniex ahna ghax hi ma kinitx qed issib minghand il-konvenut l-assistenza li kien wieghedha.*

*Jien kont immur inkellmu regolarment darba f'gimgha l-"Palio's". Kien qed jahdem hafna u kien jghid illi qed jaqla' mat-tmien mitt lira (Lm800) fix-xahar. Lili kien jghidli li kien qed ihallas Lm150 kera, dawl u ilma, igemma' biex ihallas lili tal-ispejjez li kont ghamilt fuq il-karozza ta' binti, u dejjem kien jghidli li se jaghtini 'cheque to cover the rest' li pero' qatt ma mmaterjalizza. Il-gimgha ta' qabel ma waslet Stephanie kien qalli li zgur li kien se jkollu diversi argumenti ghax kien agixxa b'mod irresponsabbli. Sirna nafu kollox wara li rritornat Stephanie".*

Illi xehed ukoll **is-Supretendent Paul Debattista** fejn qal illi:-

*"Jiena Supretendent tal-Pulizija stazzjonat fl-'Ispecial Branch' tal-Pulizija. Gejt mitlub naghmel stharrig dwar dhul u residenza tal-konvenut f'Malta, l-'istatus' tieghu ta' cittadinanza u jekk hemmx 'records' dwar partenza minn Malta mis-sena 1995 sal-lum.*

*Fl-ewwel lok irrid nghid illi 'records' ta' partenza m'ghadhomx jinzammu mill-Pulizija. Ghamilt stharrig fuq isem il-konvenut u cjoe' 'Thomson James Strathmore' u mir-'records' tal-kompjuter taghna ghandna dettalji ta' persuna b'dan l-isem imwieled fit-13 ta' Settembru 1971 fir-Renju Unit.*

*Minn dawn ir-'records' jirrizulta illi huwa telaq minn Malta fit-2 t'Ottubru 1997; rega' gie Malta fit-12 t'Ottubru 1997; u li rega' telaq minn Malta fid-29 ta' Settembru 1999.*

*Jidhirli, pero' m'inix cert, peress illi dak iz-zmien kont stazzjonat band'ohra, illi l-prassi li ma jkomplux jinzammu r-'records' bdiet fl-1 ta' Jannar 2000.*

*Irrizultali wkoll illi l-'istatus' tal-konvenut huwa ta' 'Exempt Person' u aktar dettalji dwar dan jistghu jipprovduh l-ufficcjali fl-Ufficcju tal-'Expatriates and Citizenship' ta' Kastilja".*

Xehed ukoll **Stephen Falzon**, *Principal Officer* fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates fejn qal illi:-

*"Jiena ghandi l-kariga ta' 'Principal Officer' mad-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates. Jirrizulta mill-'file' taghna illi qabel iz-zwieg il-konvenut kellu licenzja sabiex jahdem bhala 'manager and staff trainer' ma' "Suffolk Company Limited" ta' Sliema. Din il-licenzja harget fl-24 t'Awissu 1996 u kienet valida sat-30 ta' Settembru 1996. Qabel kellu licenzji ohra ta' xoghol.*

*Din il-licenzja harget 'non-renewable' u harget a bazi tal-fatt illi l-konvenut kien se jizzewweg persuna Maltija u cjoe' lill-attrici f'Settembru 1996, u fil-fatt kienet harget ittra datata 24 t'Awissu 1996 indirizzata lill-attrici fejn, fost affarijiet ohra, giet mitluba biex wara z-zwieg taghha tmur flimkien mal-konvenut fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates sabiex ikunu jistghu jinghataw konfermazzjoni li l-konvenut seta' jghix hawn Malta u jahdem.*

*Effettivament il-kontendenti zzewgu fil-21 ta' Settembru 1996 u erbat ijiem wara u cjoe' fis-26 ta' Sewttembru 1996 huma kienu marru flimkien id-dipartiment tac-Citadinanza u Expatriates u ffirmaw 'enquiry form'. Fit-8 t'Ottubru 1996 l-attrici giet informata illi zewgha seta' jghix hawn Malta u jahdem.*

*Qabel il-hrug tal-licenzja 'non-renewable' fuq indikata fl-24 t'Awissu 1996, il-konvenut kellu licenzja ta' xoghol li harget fid-9 ta' Frar 1996 u kienet tiskadi fil-31 t'Awissu 1996. Din kienet mas-socjeta' "Tex-Mex Company Limited" ta' Sliema u kienet "to act as senior bar person, floor manager and staff trainer".*

*Mill-'file' jirrizulta wkoll illi l-applikazzjoni ghall-hrug ta' 'work permit' ghall-konvenut kienet giet rifjutata pero' sussegwentemet kienu saru 'fresh recommendations' u harget il-licenzja li ghadni kif semmejt fid-9 ta' Frar 1996".*

Ta x-xhieda tieghu ukoll **l-Ispettur Martin Sammut**, li xehed hekk-:

*"Jiena ghandi l-kariga ta' Spettur tal-Pulizija stazzjonat fl-"Economic Crimes Unit". Nikkonferma li circa sentejn jew tliet snin ilu kont investigajt lill-konvenut u ressaqtu l-Qorti wara li kellna rapport minn 'exchange bureau' "W. & J. Coppini" fejn kien gie allegat li l-konvenut kien xtara xi dollari Amerikani u hallas b'cheque li ma giex onorat.*

*Kont investigajtu u ressaqtu l-Qorti quddiem il-Magistrat Dr. Noel Cuschier LL.D. u l-kawza giet deciza. Il-konvenut kien gie liberat minhabba li fil-mori tal-kawza gie rilevat illi l-konvenut kellu flus bizzejjed fil-kont bankarju tieghu*

*dakinhar li hareg ic-'cheque' izda gara illi jew l-imputat stess jew xi hadd iehor kien gibed il-flus minn dan il-kont bankarju u ghalhekk ic-'cheque' ma setax jissarraf".*

## <u>(i) PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi qabel xejn pero' huwa doveruz illi wiehed jirrimarka fuq il-fatt illi f'din il-kawza effettivament ma gietx registrata oppozizzjoni da parti tal-konvenut ghat-talba attrici biex iz-zwieg in kwistjoni jigi dikjarat null u bla effett. Fil-fatt meta kien gie notifikat il-konvenut innifsu huwa ma kien ressaq ebda nota ta' eccezzjonijiet (ghalkemm il-kontumacja fiha nnifisha hija forma ta' kontestazzjoni), u l-kuraturi deputati illi gew nominati sabiex jirrapprezentawh f'dawn il-proceduri darba li gie determinat illi l-konvenut effettivament kien assenti minn dawn il-gzejjer ma ressqux nota ta' eccezzjonijiet fil-meritu izda eccepew biss illi huma ma kinux edotti mill-fatti attenenti ghall-kaz in kwistjoni. Madanakollu, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrani, f'dawn it-tip ta' kawzi u cjoe' kawzi ta' annullament, anke meta ma jkunx hemm kontestazzjoni mill-parti l-ohra u addirittura f'kazijiet fejn il-parti konvenuta tirregistra ammissjoni ghat-talba attrici, xorta wahda jehtieg illi jigi stabbilit illi hemm bazi reali u legali ghall-pronunzjament tal-annullament taz-zwieg. Di fatti fil-kawza fl-ismijiet **"Albert Grech vs Josette Grech"** deciza fit-30 t'April 2002, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (P.A. (RCP) enuncjat il-premess:-

*"Illi qabel xejn ghandu jigi osservat li f'din il-kawza l-konvenuta tidher li qed tammetti ghat-talbiet attrici, izda kif gie ritenut fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (A.C. 15 ta' Jannar 2002 – Cit. Nru. 165/95VDG) anke fil-kaz ta' "ammissjoni ta' xi talba jew ohra, din il-Qorti ma kenitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara wkoll **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"** (PA – 4 ta' Novembru 1994); **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** (PA – 3 t'Ottubru 1995); **"Evelyn Agius vs John Borg"** (PA – 4 t'Ottubru 1995); **"Emanuel Camilleri vs Carmen***

***Camilleri"** (PA – 10 ta' Novembru 1995); **"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** (PA – 21 ta' Novembru 1995); **"Terrence Richard vs Maria concetta Richard nee' Goodlip"** (PA – 22 ta' Frar 1996); **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"** (PA – 31 ta' Jannar 1996); **"Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono"** (PA – 16 ta' Settembru 1996)".*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina t-talba attrici biex din l-Qorti tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Settembru 1996 fl-Ufficcju tar-Registru taz-Zwigijiet huwa wiehed null u bla ebda effett u dan a tenur tal-provvedimenti tas-**subincizi (c), (d) u (f) tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi **s-subincizi (c), (d) u (f) tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255** jinqraw kif gej -:

*"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

***(c)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

***(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

***(f)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi, ghal dak li jirrigwarda d-dispozizzjonijiet tas-subincizi **(c) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255**, din il-Qorti tosserva illi, kif gja' gie ssottolineat fis-sentenza minnha deciza fis-27 ta' Gunju 2002 fil-kawza fl-ismijiet **"Michael Farrugia vs Liliana Farrugia"** (P.A. (RCP) Cit. Nru. 904/98RCP) il-

legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Jigi rilevat ukoll illi din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat kif gej:-

*"kieku dak il-paragrafu 19 (1) (c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

Illi din l-istess opinjoni giet pronunzjata mill-gurista ***P.J. Viladrich*** illi spjega f'dan ir-rigward illi *"the object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* ***must be*** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial".* (***Viladrich P.J.*** **Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. - Caparros, E. et** al. ed.1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qorti tosserva wkoll illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null a tenur tas-**subinciz (c) tal-artikolu 19 (1)** jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (**"Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Jigi rilevat illi element importanti ta' dan is-**subinciz (c)** huwa illi l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi din il-Qorti issa sejra tghaddi sabiex japplika dawn il-principji legali u l-insenjament tal-qrati taghna u tal-guristi kif fuq espost ghall-*fattispecie* tal-kawza odjerna illi ghandna quddiemna.

Illi l-attrici ssostni li wahda mir-ragunijiet ghaliex iz-zwieg taghha mal-konvenut ghandu jigi dikjarat null huwa illi l-kunsens taghha kien vizzjat minhabba li l-kunsens taghha kien karpit bi frodi perpetrat mill-konvenut dwar xi kwalita' tieghu illi mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. L-attrici tghid illi kien hemm diversi affarijiet illi kien qalilha l-konvenut dwaru illi mbaghad irrizultaw illi ma kienux minnhom. Ad ezempju l-konvenut kien qalilha illi huwa kellu certu gid ossija mezzi finanjarji fl-Ingilterra illi wara rrizultaw illi kienu fittizji. Il-konvenut kien ukoll taha x'jifhem illi huwa kien dispost illi jakkomoda l-htigijiet taghha nkluz ta' studju u avvanzament tal-karriera taghha billi jimpenja ruhu u anke jaghti kontribut sostanzjali ghal dak li jirrigwarda x-xoghol domestiku, izda mbaghad naqas milli jaghmel dan u kien iqatta' l-granet, fi kliem semplici, jitghazzen u jahli l-hin. Jirrizulta wkoll illi l-konvenut kien jghid illi huwa kellu certu kwalifiki akkademici illi wkoll qatt ma mmaterjalizzaw. L-attrici tressaq ukoll provi dwar aspett iehor tal-karattru tal-konvenut illi zvela ruhu biss wara z-zwieg, u cjoe' certa dispozizzjoni lejn il-kriminalita', anke jekk ir-reati illi bihom gie akkuzat il-konvenut assenti, u iktar importanti minn hekk, dawk li nstab hati taghhom, kienu relattivament ta' portata minuri.

Illi l-Qorti hawn taqbel mal-espert legali li ghalkemm dan kollu jirrizulta sodisfacentement ippruvat, pero' ebda wahda minn dawn il-mizrapprezentazzjonijiet illi l-konvenut ghamel tieghu nnifsu lill-attrici mhi sufficjenti waheda, biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni illi z-zwieg inkwistjoni huwa null a tenur tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255**. Madanakollu l-Qorti hija tal-fehma illi meta wiehed jifli u janalizza flimkien l-assjem ta' dawn il-mizrapprezentazzjonijiet kollha, isib illi l-konvenut assenti, sabiex jilhaq l-iskopijiet ta' mohhu, illi finalment fl-opinjoni tal-Qorti, kienu li jizzewweg lill-attrici biex ikun jista' jibqa' jghix u jahdem (sic) Malta u jghix anke minn fuq ix-xoghol

u l-bzulija tal-attrici u l-bonta` tal-familja taghha, waqt li jhalli warajh passat fl-Ingilterra illi, mix-xhieda prodotta, ftit li xejn ma jidher illi kien xi wiehed glorjuz, volontarjament qarraq bl-attrici billi holoq ghalih innifsu mmagini ta' persuna determinata, kwalifikata, abbjenti u komprensiva, meta din fil-fatt ma kinitx riflessjoni tar-realta'. Tant illi din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-Perit Legali li fil-fatt kienet din l-immagini tal-konvenut assenti, u mhux il-konvenut assenti fih innifsu, illi l-attrici saret thobb tant illi kienet disposta illi tizzewgu, u kienet ma' din l-immagini tal-konvenut assenti illi l-attrici riedet illi torbot il-futur u d-destin taghha, ma' dan ir-ragel kapaci, abbjenti, komprensiv u determinat, u mhux mal-konvenut kif effettivament zvela ruhu wara z-zwieg, bniedem inkapaci, ghazzien u qarrieq.

Il-Qorti tqis illi dan il-qerq perpetrat mill-konvenut assenti ghad-dannu tal-attrici huwa wiehed serju bizzejjed li jfixkel il-hajja matrimonjali fis-sens tal-pronunzjament tal-Qorti fis-sentenza **"Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta' Novembru 1982) fuq citata u ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null a tenur tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi biex bhal Perit Legali tikkunsidra s-**subinciz (d) tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jittratta dwar difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Ghandu jigi rilevat mill-bidu nett illi b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku ghaliex kieku kien rikjest maturita' shiha u perfetta, ftit jew xejn ikunu validi z-zwigijiet li jigu ccelebrati.

Illi n-nuqqas tad-'*discretio iudicii'* huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser titwieled biz-zwieg. (vide **"Angela Spiteri nee' Selvaggi vs Joseph Spiteri"** P.A. 4 ta Novembru 1994). Fil-fatt, il-Qorti fl-imsemmija sentenza illi *ormai* saret

pacifika fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrana, irriferiet ghall-guristi u l-gurisprudenza Kanonika rigward dan il-kap ta' nullita' fis-sens li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia 'foedus' … richiede una capacita' intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi, una integrita' di mente e di liberta', dato che si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (Colagiovanni – Forum 1990, Vol I pt. 1 pg.72).*

*Illi pero', kif gie rilevat iktar 'il fuq (vide para: 28 supra), b'immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u gurisprudenza "non si riferiscono ad una piena e terminale maturita', non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio' che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo – affettivo, ne' infine, una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine "dicrezione di giudizio" che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena" (Pompedda M.F. "Il Consenso Matrimoniale" "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico" (Padova,1984 p 46).*

Illi l-Qorti fis-sentenza fuq citata **"Angela Spiteri nee' Selvaggi vs Joseph Spiteri"** (P.A. 4 ta Novembru 1994) addottat id-definizzjoni ta' ***Bersini*** fis-sens li d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonskisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti u cjoe':-

- *La piena avvertenza*
- *Il deliberato consenso.*

*"La piena avvertenza' si riferisce alla sfera intellettiva, 'il deliberato consenso' a quella volitiva."…*

Illi l-istess gurista jkompli jispjega illi *"la discrezione di giudizio comprende la maturita di giudizio e la maturita*

*affettiva ……… la maturita' di giudizio comporta una consoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro".*

Mill-banda l-ohra ***Bersini*** jispjega illi *"la maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita', che se sono turbati o inadeguati, intaccano direttamente la volonta e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero (immaturita affettiva) e ponderato (immaturita di gudizio)".* (***Bersini F***. **"Il Diritto Canonico Matrimoniale"**. Torino. 1994 p. 97).

Illi skond l-istess awtur, il-grad ta' maturita' mitlub *"e' la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano".*

Illi fil-kliem ta' gurista iehor, ***Viladrich***, gja' citat izjed 'il fuq f'dan ir-rapport peritali, *"the discretion of judgment refers to the degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through the juridical bond, in unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring".* (***Viladrich***, ***P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated "** (Monteal, (1993) pg. 686.)

Illi *oltre* dan ghandha ssir riferenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** illi fiha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili addottat id-definizzjoni tal-gurista kanoniku ***Davino*** u osservat is-segwenti:-

*"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:*

*     *When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking;*

*     *When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial;*

*      *Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."* (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku ta' Malta tal-11 ta Mejju 1990 ***Coram Bajada*** Forum 2 (1991) pp 173-174).

Illi tajjeb ukoll li jigi osservat li anke fil-**Ligi Kanonika** jinghad li *"Modern jurisprudence is not satisfied with the level of judgment which merely allows a person to recognise the rights and duties of permanence, fidelity and possible parenthood. The person must be able effectively to appreciate that what is implied in a life-long communion of life and love for marriage is for the good of married persons. Whilst the law restricts the right to marry to persons above a certain age, experience shows that many people, though having reached the canonical age, have insufficient appreciation of the issues involved and do not apprehend the meaning of that they propose to undertake"* (***Bruno***, 30 ta' Mejju 1986 **"Monitor ecclesiasticus LXII"** (1987) 542/543).

Illi b'zieda ma' dan ghandu jinghad illi ghalkemm il-Kapitolu 255 ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif sostniet il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, dawn huma dawk l-elementi *"li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe', dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni tal-hajja u prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied"*. F'dan ir-rigward tajjeb illi wiehed jaghmel riferenza wkoll ghad-definizzjoni li jaghti l-awtur ***Viladrich*** ta' dawk li huma d-dmirijiet u l-obbligi essenzjali taz-zwieg, u cjoe' "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily*

*union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687). Tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh"**, P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Jigi rilevat ghaldaqstant illi inerenti f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love"*.

Illi ghalhekk minn dan kollu jsegwi illi l-fatt li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru 1999 – Cit. Nru. 1564/97RCP) u **"Kevin Spiteri v Dr. Renzo Porsella Flores"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000- Cit. Nru. 2443/97RCP). Wiehed ghaldaqstant ghandu jezamina fejn u meta jirrizulta illi hemm difett serju ta' diskrezjoni ta' gudizzju fuq id-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi fil-kliem tal-gurista diga' citat ***Viladrich*** *"there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of*

*marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated." (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad kif gej:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju1995 ).

Illi madanakollu ghandu jerga' jigi ritenut dak illi diga' gie affermat aktar 'il fuq fis-sens illi kieku l-legislatur irrikjeda

maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, "**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* (***"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"***, *P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta'

Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja. ***Bersini*** jippostula kif gej dwar il-kwistjoni ta' kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi ghandu jigi ipprecizat, pero’ f’dan l-istadju, illi l-kuncett ta’ *“ghazla libera”* ossia *“kunsens hieles”* ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta’ ghazla facli, tant illi fil-kliem tal-gurista ***Pompedda*** *“… … ... se il soggetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un’ affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell’ altra parte sia nei riguardi della prole”* (***Pompedda, M.F.***, **“Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento.”** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f’dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta’ anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *“di intendere e/o di volere”. “L’ incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale”,* jghid il-***Bersini***, *“rende la persona inabile al matrimonio, anche nell’ ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso”* (op. Cit., p. 99).

Illi ghandu jsir accenn ukoll ghall-pronunzjament tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta’ Marzu 2002 fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick**

**O'Toole"** rigwardanti l-kunsens tal-partijiet ghall-kontrattazzjoni taz-zwieg, u dan fis-sens segwenti :-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg ….. mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinjifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Suzanne sive Sue Rossi vs Benjamin sive Benny Bugeja"** (P.A.

(RCP) 27 ta’ Gunju 2002) fost ohrajn, ghal liema sentenzi wkoll qieghda u ghandha ssir ampja riferenza.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami sabiex jigi valutat jekk da parti ta’ wahda jew ohra mill-partijiet ghaz-zwieg *‘de quo’* kienx hemm dan id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq id-dmirijiet u l-obbligi tal-hajja mizzewga illi jirrendu z-zwieg minnhom celebrat null u bla ebda effett *ai termini* tal-**artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255**.

Illi, kif diga’ gie indikat izjed ‘il fuq , ghal dak li jirrigwarda l-konvenut assenti, irrizulta b’mod car u manifest li l-ghan ahhari tieghu kien illi jizzewweg lill-attrici sabiex ikun jista’ jibqa’ jghix u jahdem hawn Malta. Irrizulta anke mix-xhieda ta’ Stephen Falzon, *Principal* fic-*‘Citizenship and Expatriates Division’*, illi l-*‘work permit’* tal-konvenut kien skada u li kienet ittiehdet id-decizjoni illi dan ma jiggeddidx, u kien biss minhabba fiz-zwieg tieghu mal-attrici illi l-konvenut ma giex imkecci minn dawn il-gzejjer. Irrizulta wkoll illi l-kontendenti zzewgu biss disa’ xhur wara illi bdew johorgu flimkien, u din l-ghaggla kienet proprju konsegwenza diretta tas-sitwazzjoni illi kien jinsab fiha l-konvenut. Irrizulta wkoll illi l-kontendenti ma kienux ippreparati ghaz-zwieg fis-sens illi ma kellhomx post taghhom, ma kellhomx mezzi finanzjarji, u b’mod generali dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr preparament ta’ xejn semplicement biex isalvaw is-sitwazzjoni. Fil-fatt kemm l-attrici u kif ukoll missierha xehdu illi l-attrici xtaqet illi ‘l quddiem jigi celebrat iz-zwieg bir-rit Kattoliku fil-Knisja, ikun hemm tieg u riceviment u b’mod generali l-affarijiet isiru kif suppost. Huwa evidenti illi z-zwieg celebrat mill-kontendenti fir-Registru Pubbliku kien jikkostitwixxi rimedju estrem ghas-sitwazzjoni tal-konvenut illi altrimenti kien jitkecca minn Malta u jirrendi dan iz-zwieg wiehed ta’ konvenjenza.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi huwa car u manifest illi min-naha tal-konvenut zgur illi ma kienx hemm il-kunsens hieles ghar-rabta taz-zwieg rikjest mil-ligi, zgur illi ma kienx hemm *“la piena avvertenza”* u *“il deliberato consenso”* li jirriferi ghalihom il-gurista **Bersini** sabiex johloq flimkien mal-attrici, fi kliem il-gurista ***Viladrich***, “*a unique*

*community of life and love"* illi tkun *"indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*".

Illi min-naha tal-attrici wkoll, minkejja illi fix-xhieda taghha u ta' missierha tigi progettata immagini ta' persuna matura u zgura minnha nnifisha, wiehed jiddenota wkoll certa mmaturita' tali li din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li, fil-mument li l-attrici tat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg, hija ma kellhiex il-grad ta' maturita' rikjest *"non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano".*

Illi l-Qorti hawn taqbel mal-Perit Legali meta wasal ghal dan il-konvinciment minn diversi fatturi lihuwa spjega b'dan il-mod tieghu hekk:-

*"kieku l-attrici kellha d-diskrezzjoni ta' gudizzju rikjesta mil-ligi kienet se taccetta li tizzewweg lill-konvenut bl-ghaggla biex dan ma jitkecciex minn Malta? Kieku kienet se taccetta illi tizzewweg bniedem illi dwaru kienet taf relattivament ftit li xejn, li qatt ma kienet kellmet lil missieru u qatt ma ltaqghet m'ommu u qatt ma rat l-ambjent illi fih kien trabba u minn fejn kien gej? Kieku kienet se timponi certu kundizzjonijiet fuq iz-zwieg qisha din kienet xi ghazla managerjali, u ftit wara z-zwieg marret xhur shah tippartecipa fi speci ta' 'scholarship' u tistudja l-Amerika? Kieku kellha l-maturita' rikjesta mil-ligi kienet se tizzewweg f'dawn ic-cirkostanzi, bit-tama illi 'l quddiem tillegittima u tirregolarizza kollox bic-celebrazzjoni tar-rit religjuz fil-Knisja u t-tnehdija ta' tieg bhan-nies? Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha jwasslu lill-espert legali ghall-konvinciment illi min-naha tal-attrici wkoll kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq dawk li huma r-responsabbilitajiet, l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga.*

*Illi ghal dawn il-motivi l-espert legali umilment huwa tal-fehma illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null anke ai termini tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**".* Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan.

Illi t-tielet u l-ahhar raguni citata mill-attrici ghaliex iz-zwieg minnha celebrat mal-konvenut fil-21 ta' Settembru 1996 ghandu jigi dikjarat bhala null u bla ebda effett huma d-dispozizzjonijiet tas-**subinciz (f) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255** illi jipprovdu illi z-zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"*.

Illi dan il-provvediment tal-ligi gie ezaminat u trattat b'mod ezawrjenti kemm fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u kif ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) ghal liema sentenzi qieghda ssir ampja riferenza.

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi fl-ismijiet **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja' Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi l-komportament tal-konvenut wara z-zwieg fejn dan beda jghix hajja ta' ghazz u ma beda juri nteress f'xejn, johrog fil-ghaxija wara x-xoghol (meta kien jahdem) jixrob sa tard bil-lejl, jonqos milli jhallas ghas-servizzi essenzjali inkluz il-kera, xellef dufrejh anke mal-gustizzja, beda jonqos mill-attrici minn dik l-assitenza u s-*support* illi huwa kien weghedha (forsi l-attrici hawn ftit li xejn ghenet is-sitwazzjoni bit-tluq taghha lejn l-Amerika wara ftit xhur ta' zwieg!) u b'mod generali l-agir tal-konvenut assenti li, wara kollox, bic-celebrazzjoni taz-zwieg innifsu, kien diga' lahaq l-ghan illi ghalih huwa kkuntratta tali zwieg, u cjoe' li jibqa' jghix u jahdem hawn Malta, juri b'mod car u manifest illi da parti tal-konvenut il-motivazzjoni biex jersaq lejn iz-zwieg zgur illi ma kenitx, tal-anqas unikament, l-imhabba lejn l-attrici u r-rieda illi jqatta' l-kumplament ta' hajtu maghha.

Illi ovvjament il-motivazzjonijiet tal-konvenut assenti ghall-kuntrattazzjoni taz-zwieg mal-attrici huma ben differenti minn dawk li, skond il-guriprudenza nostrana, gew identifikati bhala d-drittijiet u d-dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant illi fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa al Muhamed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li –

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. 7 ta' Lulju, 1994) il-Qorti qalet li m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejnpersuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghti t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun johloq 'a partnership for life'.*

Mill-gurisprudenza nostrana jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza , l-unita' u l-indissobulita' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet

flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja u l-prokreazzjoni tal-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef"** deciza fl-4 ta' Mejju, 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi *"element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-hajja komuni ('communio vitae') bejniethom"*.

Illi fil-kaz odjern huwa car umanifest u rrizulta ampjament mill-provi prodotti illi tal-inqas da parti tal-konvenut assenti ma kenitx ir-rieda u x-xewqa illi jqatta' l-kumplament ta' hajtu f'rabta ta' mhabba mal-attrici l-motivazzjoni ewlenija u wahdanija ghac-celebrazzjoni taz-zwieg in kwistjoni, u zgur illi ma rrizultatx ir-rieda tal-konvenut illi jiddedika ruhu nterament lejn l-attrici u l-holqien ta' familja flimkien.

Illi ghal dawn il-motivi hija l-fehma ta' din il-Qorti li z-zwieg in kwistjoni ghandu jigi dikjarat bhala null u bla ebda effett anke *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi, ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku fil-21 ta' Settembru 1996 huwa null u bla ebda effett a tenur tal-**paragrafi (c), (d) u (f) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi akkolta bl-ispejjez kontra l-konvenut b'dana illi l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma nkompattibli ma' dak hawn premess u deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fir-Registru taz-Zwigijiet ta' Malta, fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru tas-sena 1996 (Dok "A") huwa

null u bla effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-**sub-incizi (c) (d) u (f) tas-sub-artikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut assenti fil-waqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------